MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 143/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Antoine Camilleri (K.I. numru 222180M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hdax-il elf u tmienja u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€11,088.75) bilanc ghad-debiti fil-*'Loan Account'* tal-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok 'A1 sa A15', Dok 'B1 sa B4, Dok 'C' u Dok 'D') flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 ta' Marzu 2011 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tad-9 ta' Awwissu 2006 (Dok E) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Antoine Camilleri (a) naqas illi jhallas il-

pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Dicembru 2010 (Dok F) u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti kif markati u annessi minn fol 2 sa fol 31 mal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-15 ta' Gunju 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra (ara ukoll fol 38 tal-istess atti).

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €11,088.75 bl-imghax legali ulterjuri mit-2 ta' Marzu 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 2010 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru imsemmi fl-istess rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------